REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/521

tal-24 ta' Marzu 2021

li jagħmel arranġamenti speċifiċi għall-mekkaniżmu li jagħmel l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti soġġetta għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/479 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-esportazzjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/111 ([2]) li jagħmel l-esportazzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19 kif ukoll tas-sustanzi attivi, inklużi banek ta' ċelloli prinċipali u ċelloli operatorji, użati għall-manifattura ta' dawn il-vaċċini, soġġetti għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/479. Fi tmiem il-perjodu ta' sitt ġimgħat wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442 ([3]) li jagħmel l-esportazzjoni tal-istess prodotti soġġetta għal awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2021, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2015/479.

(2) In-nuqqas globali ta' provvista tat-tilqim kontra l-COVID-19 għadu jippersisti u saħansitra qed jiżdied fid-dawl tad-dewmien fil-produzzjoni.

(3) Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442, l-awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni għandhom jiġu rrifjutati mill-Istati Membri meta l-esportazzjonijiet ikkonċernati jkunu ta' theddida għall-eżekuzzjoni tal-Ftehimiet ta' Xiri Avvanzat (Advanced Purchase Agreements, APAs) bejn l-Unjoni u l-manifatturi tat-tilqim fid-dawl tal-volum tagħhom jew ta' ċirkostanzi rilevanti oħra, bħall-volum ta' vaċċini kkonsenjati lill-Unjoni fiż-żmien tat-talba.

(4) Għad hemm nuqqas ta' trasparenza kif ukoll restrizzjonijiet persistenti fuq il-produzzjoni tal-vaċċini COVID 19 u dewmien fit-twassil tagħhom fl-Unjoni, li jistgħu jkunu ta' theddida għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni tal-merkanzija koperta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442. Għalhekk, fid-deċiżjoni li tingħata jew tiġi rrifjutata awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni għandhom jitqiesu wkoll elementi addizzjonali.

(5) L-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni permezz tal-mekkaniżmu tal-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/111 u li tkompla bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442 u permezz tad-*data* doganali wriet li l-esportazzjonijiet li huma soġġetti għall-mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni jistgħu jgħaddu minn pajjiżi li sa issa huma eżentati mir-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni, u b'hekk ma jippermettux il-livell meħtieġ ta' trasparenza. Jenħtieġ għalhekk li dawn l-eżenzjonijiet jiġu sospiżi temporanjament.

(6) Jenħtieġ li l-eżenzjoni tinżamm għal xi whud mill-pajjiżi u t-territorji msemmija fl-Artikolu 1(9)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442, jiġifieri dawk li għandhom dipendenza partikolari fuq il-ktajjen tal-provvista metropolitani tal-Istati Membri li magħhom huma marbuta jew fuq il-ktajjen tal-provvista tal-Istati Membri ġirien, rispettivament.

(7) L-informazzjoni msemmija fil-premessa (5) uriet ukoll li l-manifatturi tal-Unjoni esportaw kwantitajiet kbar ta' oġġetti koperti mill-mekkaniżmu tal-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni lejn pajjiżi li għandhom kapaċità ta' produzzjoni kbira tagħhom stess, filwaqt li dawn il-pajjiżi jirrestringu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni, jew bil-liġi jew permezz ta' arranġamenti kuntrattwali jew arranġamenti oħra konklużi mal-manifatturi tat-tilqim stabbiliti fit-territorju tagħhom. Dan l-iżbilanċ iwassal għal nuqqas ta' provvista fl-Unjoni.

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 34.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/111 tad-29 ta' Jannar 2021. li jagħmel l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti soġġetta għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni (ĠU L 31 I, 30.1.2021, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/442 tal-11 ta' Marzu 2021 li jagħmel l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti soġġetta għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni (ĠU L 85, 12.3.2021, p. 190).

(8) Barra minn hekk, l-istess informazzjoni wriet li l-manifatturi tal-Unjoni esportaw kwantitajiet kbar ta' oġġetti koperti mill-mekkaniżmu tal-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni lejn ċerti pajjiżi mingħajr kapaċità ta' produzzjoni, iżda li għandhom rata ta' tilqim ogħla mill-Unjoni jew fejn is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali hija inqas serja milli fl-Unjoni. L-esportazzjonijiet lejn dawn il-pajjiżi jistgħu għalhekk jheddu s-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni.

(9) Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrifjutaw l-awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni skont dan.

(10) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-istess elementi addizzjonali meta twettaq il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz ta' deċiżjoni nnotifikat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442.

(11) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jittieħdu skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2015/479.

(12) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih. Wara li kkunsidrat l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2015/479, il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għal sitt ġimgħat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 1(9) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442 hija sospiża.

Madankollu, is-sospensjoni ma għandhiex tapplika għall-pajjiżi u t-territorji li ġejjin:

— Andorra,

— il-Gżejjer Faroe,

— San Marino,

— il-Belt tal-Vatikan,

— il-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej elenkati fl-Anness II għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— Büsingen,

— Helgoland,

— Livigno,

— Ceuta u Melilla.

Artikolu 2

1. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tagħti awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni mitluba skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442 sakemm:

(a) l-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni tissodisfa l-kundizzjoni tal-Artikolu 1(7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442;

(b) b'mod ieħor, l-awtorizzazzjoni ma tkunx ta' theddida għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni tal-merkanzija koperta mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442.

2. Biex tiddetermina jekk il-kundizzjoni fil-punt (b) tal-paragrafu 1 hijiex issodisfata, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tivvaluta l-fatturi li ġejjin:

(a) jekk il-pajjiż tad-destinazzjoni tal-esportazzjoni jirrestringix l-esportazzjonijiet tiegħu lejn l-Unjoni ta' oġġetti koperti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442, jew tal-materja prima li minnha jsiru, jew bil-liġi jew b'kull mezz ieħor, inkluż permezz tal-konklużjoni ta' arranġamenti kuntrattwali mal-manifatturi ta' dawn l-oġġetti;

(b) il-kundizzjonijiet rilevanti prevalenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni tal-esportazzjoni, inkluża s-sitwazzjoni epidemjoloġika, ir-rata tat-tilqim u d-disponibbiltà eżistenti tal-oġġetti koperti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442.

3. Meta l-Kummissjoni tivvaluta l-abbozz ta' deċiżjoni nnotifikat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442, hija għandha tevalwa wkoll jekk il-kundizzjoni fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu hijiex issodisfata, filwaqt li tqis il-fatturi elenkati fil-paragrafu 2 tiegħu.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sa sitt ġimgħat mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN